

# NIKODEMU U L-MARA SAMARITANA: KUNTRASTI FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Huma diversi dawk l-istudjużi tal-Evanġelju skont San Ġwann li jinnutaw numru ta' kuntrasti bejn Nikodemu u l-mara Samaritana: żewġ karattri li nsibuhom imsemmija biss f'dan l-Evanġelju.[1] Dan mhuwiex l-uniku kuntrast li dan l-Evanġelista joħloq bejn żewġ personaġġi li jinkludi fin-narrativa tiegħu. Hekk, per eżempju, jagħmel ukoll dan l-Evanġelista meta



jqabbel lid-dixxiplu l-maħbub ma' Xmun Pietru.[2]

Fil-każ ta' Nikodemu u tal-mara Samaritana, motivi bibliċi huma fatturi sinifikattivi tal-isfond ta' dawn iż-żewġ stejjer li nsibu f'dan l-Evanġelju. Id-djalogu fuq l-ilma, per eżempju, huwa fattur importanti fid-djalogu ta' Ġesù ma' Nikodemu bħalma hu wkoll fl-istorja tal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana. Kemm Nikodemu, kif ukoll il-mara Samaritana, ma jifhmux il-kliem ta' Ġesù għaliex dawn jinterpretaw dan il-kliem fuq livell ieħor minn dak li kien qed jipprova jfehemhom fuqu Ġesù.

Nikodemu ma jifhimx kif bniedem ta' ċertu età jista' jerġa' jitwieled mill-ġdid. Għalhekk meta Ġesù jgħidlu: "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla" (Ġw 3:3), Nikodemu jagħmel reazzjoni u jwieġeb lil Ġesù: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?" (v.4).[3] Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana ma tifhimx kif xi ħadd mingħajr ġarra seta' jagħti l-ilma. Hekk tgħid din il-mara lil Ġesù wara li dan joffrilha ilma ħaj. Hija tagħmel reazzjoni u twieġeb hekk: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?" (4:11).

Fiż-żewġ każi, mela, in-nuqqas ta' ftehim kemm ta' Nikodemu kif ukoll tal-mara Samaritana huwa espress fil-forma ta' mistoqsija li dawn iż-żewġ personaġġi jindirizzaw lil Ġesù.

## Id-dlam u d-dawl

Il-kuntrast bejn dawn iż-żewġ narrativi jidher l-aktar fix-xenarju temporali ta' kull xena. Fil-każ ta' Nikodemu naqraw li dan mar għand Ġesù bil-lejl (3:2). Dan id-dettal ma jidhirx li hu wieħed aċċidentali, tant illi r-Raba' Evanġelista jerġa' jfakkarna f'dan kollu meta jerġa' jitkellem fuq Nikodemu fix-xena tad-difna ta' Ġesù. L-evanġelista jaċċertana li dan hu l-istess personaġġ li diġà kien tkellem fuqu fil-kapitlu 3 meta jżid jgħid hekk: "Ġie wkoll Nikodemu, *dak li qabel kien mar għand Ġesù billejl*" (19:39).[4] Min-naħa l-oħra, f'kuntrast ma' Nikodemu, il-mara Samaritana tasal ħdejn il-bir fejn kien hemm Ġesù fis-sitt siegħa jew aħjar f'nofsinhar (4:6), jiġifieri fl-aqwa tad-dawl.

Fir-Raba' Evanġelju, il-lejl mhuwiex l-aħjar ħin. Skont il-mentalità tar-Raba' Evanġelista, affarijiet produttivi ma jsirux bil-lejl. Hekk, per eżempju, fl-episodju tal-miraklu tal-fejqan tar-raġel li twieled għama, naqraw kif Ġesù jgħid hekk lid-dixxipli: "Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem" (9:4).[5]

Wisq probabbli li r-Raba' Evanġelista ried jassoċja lil Nikodemu ma' dawk li jimxu fid-dlam.[6] Id-dawl ma kienx għalih, kif naqraw f'11:10 fejn Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Imma jekk [wieħed] jimxi fil-lejl, jitfixkel, għax ma jkollux id-dawl." Hekk f'12:35-36 Ġesù jerġa' jgħid: "Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl. Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer. Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl."

Xi wħud iżommu li dan ix-xenarju ta' bil-lejl f'rabta ma' Nikodemu hu intenzjonat sabiex jippreżenta lil dan il-personaġġ bħala wieħed li qed jaġixxi bil-moħbi, forsi minħabba l-biża'.[7] F'dan il-każ, Nikodemu qed jiġi muri wkoll f'kuntrast mal-persuna ta' Ġesù li tkellem u aġixxa bil-miftuħ. Hekk jirreaġixxu xi wħud min-nies ta' Ġerusalemm għal Ġesù: "Dan m'huwiex dak li qegħdin ifittxuh biex joqtluh? Araw, b'wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem, u ħadd ma hu jgħidlu xejn" (7:25-26). Hekk ukoll Ġesù jwieġeb lill-qassis il-kbir u jgħidlu: "Jiena tħaddit fil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagogi u fit-tempju fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn" (18:19-20).

## Il-bir u l-ilma

Li Ġesù għajjien wara vjaġġ, jitlob lil mara Samaritana sabiex tagħtih jixrob fis-sħana ta' nofs il-jum mhuwiex xenarju ta' barra minn hawn. Min-naħa





l-oħra, li mara tmur ħdejn il-bir f'nofsinhar weħidha, hija xi ħaġa li toħloq numru ta' mistoqsijiet. In-nisa kienu jmorru flimkien bħala gruppi biex jimlew l-ilma fl-ewwel sigħat bierda tal-jum jew inkella aktar tard fil-jum meta x-xemx tkun battiet mill-qilla tas-sħana li tarmi.

Iżda lil din il-mara nsibuha weħidha ħdejn dan il-bir f'siegħa stramba ħafna, jiġifieri fl-aqwa tax-xemx! Dan wassal lil xi studjużi li kkummentaw fuq dan l-episodju biex jissuġġerixxu li l-ħin ta' nofsinhar li fih insibu lil din il-mara ħdejn il-bir huwa indikazzjoni li din is-Samaritana ma kinetx milqugħa fost in-nisa l-oħra tar-raħal, u dan forsi minħabba l-istat irregolari fiż-żwieġ tagħha.[8] Faċilment li din il-mara riedet tevita t-tpaċpiċ żejjed fuqha, u għalhekk ippreferiet tmur timla l-ilma fis-sħana milli li tiġi attakkata b'ħafna tpaċpiċ fuqha.

## Ġerusalemm u Sikar

Bil-mod, mela, li bih l-Evanġelista jagħżel il-ħin tax-xena rispettiva f'dawn iż-żewġ episodji, huwa kien qed joħloq kuntrast bejn Nikodemu u l-mara Samaritana. Mhux biss, imma l-istess evanġelista juża spazju għall-istess għan.

L-istorja ta' Nikodemu sseħħ f'Ġerusalemm, il-belt il-qaddisa għal-Lhud. L-isfond ġeografiku tax-xena proprjament insibuh f'2:23 fejn naqraw hekk: "Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid ..." Xi drabi, iżda, dan l-isfond, jitħalla barra mill-istudji dwar Nikodemu minħabba l-waqfa fil-kapitlu wara 2:25. Din il-waqfa iżda hija biss xogħol ta' Stephen Langton, l-Arċisqof ta' Canterbury li għex fil-bidu tas-seklu tlettax, u mhux tal-evanġelista. L-evanġelista, fil-fatt, jgħaqqad l-istorja ta' Nikodemu mal-isfond ta' Ġerusalemm permezz tal-użu tal-kelma "raġel" (bil-Grieg: *anthropos),* l-aħħar kelma li nsibu fil-vers 25 - "għax hu stess kien jaf x'hemm fil-*bniedem*" – u t-tielet kelma fis-sentenza li ssegwi, "Kien hemm fost il-Fariżej, *raġel* jismu Nikodemu" (3:1a).

F'kuntrast, l-istorja tal-laqgħa mal-mara Samaritana sseħħ f'Sikar, belt tas-Samarija (4:5), belt li kienet fit-triq li ħa Ġesù biex mil-Lhudija għadda għall-Galilija: "Għalhekk telaq mil-Lhudija, u raġa' mar fil-Galilija. U kellu jgħaddi mis-Samarija. Ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar" (4:3-5).

Dawn id-dettalji jservu sabiex bihom l-Evanġelista jissepara lil Ġerusalemm minn Sikar mhux biss fuq il-livell ġeografiku, iżda wkoll biex joħloq kuntrast bejn iż-żewġt ibliet fuq il-livell ġeo-politiku. Mill-istess silta nsiru nafu li "il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani" (v.9). Imma issa l-bżonn li Ġesù jgħaddi minn hemm ma kienx sempliċiment bżonn ġeografiku biex min-naħa t'isfel Ġesù jgħaddi għan-naħa ta' fuq fejn hemm il-Galilija. Il-kelma "kellu jgħaddi" (v.4) bil-Grieg: *edei,* tindika bżonn divin. Dan kien parti mill-pjan ta' Alla għal ibnu Ġesù biex hu jgħaddi mis-Samarija ħalli jiltaqa' ma' din il-mara u permezz tagħha jiltaqa' mar-raħal kollu, u finalment mal-qarrejja ta' dan l-episodju. Hekk juri l-użu ta' din il-kelma f'kuntesti oħra tal-Evanġelju.[9]

Il-ġeografija u l-kultura ma kinux l-uniċi fatturi li kienu jifirdu lil Sikar minn Ġerusalemm. Minbarra dan kien hemm il-fama storika taż-żewġ postijiet imsemmija. Ġerusalemm huwa l-post li fih seħħew bosta ġrajjiet





fir-Raba' Evanġelju. Fil-fatt, l-Evanġelista jsemmi lil Ġerusalemm daqs tnax-il darba.[10] Min-naħa l-oħra, Sikar hija belt li tissemma hawn biss f'dan l-Evanġelju, jiġifieri, fil-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana, meta



huwa jirreferi għal Sikar f'4:5.

## Il-Fariżew u l-mara bla isem

Nikodemu jidħol fix-xena tal-laqgħa tiegħu ma' Ġesù b'mod formali. F'3:1 naqraw hekk: "Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud." Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana hija ntrodotta fis-silta sempliċiment bħala mara Samaritana. Hekk naqraw f'4:7 "u ġiet mara mis-Samarija timla l-ilma."[11]

Dan il-kuntrast bejn iż-żewġ karattri narawh ukoll mill-fatt li Nikodemu huwa muri bħala "raġel" u "Fariżew," filwaqt li s-Samaritana hija "mara." Il-fatt li s-Samaritana hija "mara" jidher li hu fattur importanti fl-istorja, tant illi meta d-dixxipli jaslu lura ħdejn Ġesù wara li kienu marru r-raħal jixtru x'jieklu, huma jistagħġbu meta raw lil Ġesù jitkellem ma' mara. Hekk naqraw f'4:27 "Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh *jitkellem ma' mara*; iżda ħadd minnhom ma staqsih, 'Xi trid?' jew, 'Għax qiegħed titkellem magħha?'"

Il-kuntrast bejn Nikodemu u din il-mara jkompli joħroġ

meta niftakru li Nikodemu jissemma b'ismu, filwaqt li tingħata wkoll il-pożizzjoni soċjali tiegħu bħala "wieħed mill-kbarat tal-Lhud" (3:1). Min-naħa l-oħra, il-mara Samaritana mhux biss ma nsirux nafu x'isimha, iżda aktarx li kienet mara mwarrba mill-fatt li nsibuha weħidha ħdejn il-bir.

Minbarra hekk, filwaqt li l-mara Samaritana tissemma hawn biss fl-Evanġelju, Nikodemu jissemma darbtejn oħra f'dan l-istess Evanġelju. Fit-tieni xena li huwa jissemma nsibuh jidħol f'diskussjoni mal-Fariżej l-oħra f'7:50-52. Hawnhekk Nikodemu jipprova jiddefendi lil Ġesù, iżda ma jdumx jagħmel dan għaliex jieqaf ħabta u sabta meta jiġi sfidat minn sħabu. Fit-tielet xena mbagħad li fiha jissemma Nikodemu, insibuh fil-kumpanija ta' Ġużeppi minn Arimatija fejn jidher li kellhom aċċess għal Pilatu.[12] F'din ix-xena naqraw kif dawn iż-żewġ personaġġi marru biex jidfnu l-ġisem mejjet ta' Ġesù.

Fl-ewwel xena li fiha niltaqgħu ma' Nikodemu bil-lejl, huwa jitkellem ma' Ġesù b'qima u rispett, billi jagħtih it-titlu ta' "Rabbi," titlu li jagħtuh ukoll l-ewwel żewġ dixxipli meta lil Ġesù jgħidulu: "Fejn toqgħod, *Rabbi?*" (1:38). Nikodemu jsejjaħ ukoll lil Ġesù bit-titlu ta' "mgħallem."[13] Dan it-titlu jantiċipa l-għarfien tad-dixxipli li jsejħu wkoll lil Ġesù bħala "mgħallem" f'13:13.[14] Nikodemu jagħraf ukoll lil Ġesù bħala dak li ġie mingħand Alla. Hekk igħid Nikodemu fl-ewwel kliem tiegħu lil Ġesù: "Rabbi, aħna nafu li inti *Mgħallem mibgħut minn Alla*; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu" (3:2).

Dan l-aħħar element fil-kliem ta' Nikodemu jqiegħdu fost dawk li jemmnu f'Ġesù minħabba s-sinjali. Iżda l-evanġelista juri kritika fina lejn dawn it-tip ta' persuni, tant illi eżattament qabel ma jirrakkonta l-laqgħa ta' Ġesù ma' Nikodemu naqraw hekk:



"Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesu, min-naħa tiegħu, *ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd*" (2:23-24). Il-fatt li Nikodemu jitkellem fil-plural "aħna nafu" [bil-Grieg: *oidamen*] fil-vers 2, tqiegħdu bħala dak li donnu kien qed jitkellem għal dan il-grupp.[15]

F'kuntrast miegħu, il-mara Samaritana titkellem f'isimha u għall-bidu turi lilha nfisha bħala persuna arroganti ma' Ġesù. Hekk tgħid din il-mara fl-ewwel kliem tagħha ndirizzat lil Ġesù: "Kif! Inti Lhudi u titlob lili, mara Samaritana, biex nagħtik tixrob?" (4:9). Iżda bil-mod il-mod, hija tbiddel dan it-ton u tindirizza lil Ġesù bħala "Sinjur" [bil-Grieg: *kyrie*] (4:11). Il-mara Samaritana fil-fatt hija l-ewwel persuna li tindirizza lil Ġesù b'dan l-istess titlu f'dan l-Evanġelju. Warajha jagħmel hekk ir-raġel li jiġi mfejjaq minn Ġesù ħdejn il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ f'5:7.[16]

Il-mara Samaritana terġa' ssejjaħ lil Ġesù *kyrie* f'4:15.19 meta tgħid: "Agħtini dan l-ilma, *Sinjur*, biex ma jaqbadnix l-għatx … Int profeta, *Sinjur*, milli qiegħda nara." Hija tagħraf li Ġesù hu profeta: "Int profeta sinjur milli qiegħda nara" (4:19).[17]

Minbarra dan, minkejja li kienet Samaritana, hija tirrifletti fuq il-possibilità tal-identità messjanika ta' Ġesù[18] u taqsam dan il-ħsieb man-nies tar-raħal meta tgħidilhom: "Ejjew araw bniedem li qalli kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?" (4:29). Bi tweġiba, Ġesù juri lilu nnifsu lilha. Fil-fatt, din il-mara hija l-ewwel persuna fin-narrativa ta' dan l-evanġelju li tisma' 'l Ġesù jtenni l-kliem "Jiena Hu" [bil-Grieg: *ego eimi*] – "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek." (v.26).

Id-dixxipulat tas-Samaritana huwa kkonfermat billi hija tħalli warajha l-ġarra li biha kienet timla l-ilma[19] sabiex tmur il-belt u tati xhieda ta' Ġesù. Hija rċeviet il-kelma li qalilha Ġesù u tati xhieda tiegħu. F'kuntrast magħha, il-fidi ta' Nikodemu hija biss fidi mibnija fuq is-sinjali/mirakli li ma wasslitu biex jagħti l-ebda xhieda favur Ġesù. Meta kien se jipprova waqaf għax beża'! F'kelma oħra, il-fidi ta' Nikodemu mhijiex mibnija fuq ir-rivelazzjoni ta' Ġesù bħal fil-każ tal-mara Samaritana, u dan minkejja li Nikodemu sema' lil Ġesù jirrivela lilu nnifsu lilu.

F'kuntrast miegħu, il-mara Samaritana mhux biss emmnet il-kliem ta' Ġesù mingħajr ma rat l-ebda miraklu, iżda wkoll hija tħalli warajha xi ħaġa li kienet importanti għaliha – il-ġarra – u tmur fir-raħal tagħti xhieda dwar Ġesù.

Ix-xhieda tagħha serviet fil-ħajja tan-nies tar-raħal tant illi naqraw: "Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: 'Qalli kull ma għamilt,' tant, illi meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn. Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, u lill-mara qalulha: 'issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnih, u sirna nafu li dan hu tassew is-salvatur tad-dinja'" (4:39-42).

## Referenzi


1 Ara Susan E. Hylen, *Imperfect Believers: Ambiguous Characters in the Gospel of John* (Louisville: Westminister John Knox, 2009), 43. Ara wkoll, Margaret Mary Pazdan, "Nicodemus and the Samaritan Woman: Contrasting Models of Discipleship," *Biblical Theology Bulletin* 17 (1987): 146.

2 Ara Kevin Quast, *Peter and the Beloved Disciple: Figures for a Community in Crises, Journal for the Study of New Testament Supplement Series 32* (Sheffield: JSOT Press, 1989); Pheme Perkins, *Peter: Apostle for the Whole*

*Church: Studies on Personalities of the New Testament* (Columbia, SC: University of South Carolina Press, 1994), 96.

3 Fuq il-fatt li Nikodemu ma jifhimx il-kliem ta' Ġesù ara Marinus de Jonge, "Nicodemus and Jesus: Some Observations on Misunderstanding and Understanding in the Fourth Gospel," *Bulletin of the John Rylands Library* 53 (1971): 337-359; dan l-artiklu reġa' ġie stampat f' de Jonge, *Jesus, Stranger from Heaven and Son of God* (Missoula, MT: Scholars, 1977), 29-47.

4 Ara Ġw 7:50 fejn jerġa' jissemma Nikodemu għat-tieni darba fir-Raba' Evanġelju. Hawnhekk l-Evanġelista jikteb hekk: "Wieħed minnhom Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù ..."

5 Ara wkoll Ġw 13:30; 21:3.

6 Ara Adele Reinhartz, "The Gospel of John," f'*Searching the Scriptures, vol. 2: A Feminist Commentary,* ed. Elisabeth Schüssler Fiorenza (New York: Crossroads, 1994), 570.

7 Ara Hyler, *Imperfect Believers,* 34-35.

8 Fuq dan il-punt ara Mark F. Whitters, "Discipleship in John: Four Profiles," *Word and World* 18 (1998): 424; Craig Keener, *The Gospel of John,* vol. 1 (Peabody, MA: Hendrickson, 2003), 593-595.

9 Fuq dan il-bżonn teoloġiku, kif inhu msejjaħ, ara Ramsey, J. Michaels, *The Gospel of John* (Grand Rapids: Eerdmans, 2010), 235, n.12. Ara wkoll, Teresa Okure, *The Johannine Approach to Mission: A Contextual Study of John 4:1-42* (WUNT, II/32; Tübingen: Mohr [Siebeck], 1988), 83-86.

10 Ara Ġw 1:19; 2:13.23; 4:20.21.45; 5:1.2; 10:22; 11:18.55; 12:12.

11 Ara wkoll Ġw 4:9a.

12 Ara Gw 19:38-42.

13 Dan it-titlu hu element important fil-mod kif jinqalbu r-rwoli ta' Nikodemu u Ġesù f'3:10 meta Ġesù jgħid lil Nikodemu: "Inti mgħallem f'Israel u dan ma tafux?"

14 Ara Ġw 13:13. Ara wkoll, 1:38; 20:16.

15 Fuq dan il-punt ara Francis J. Moloney, *The Gospel of John,* Sacra Pagina 4 (Collegeville, MN: Liturgical, 1998), 97.

16 Dan it-titlu jingħata lil Ġesù mid-dixxipli f'6:68; 9:36.38; 11:3; 12:21; 13:6.9.25.36.37; 14:5.8.22. Minbarra hekk, Kristu Rxoxt jiġi indirizzat ħames darbiet bħala *kyrie* minn Xmun Pietru f'21:15.16.17.20.21.

17 Ara wkoll Ġw 1:21.25.

18 Ara Ġw 1:41.

19 Ara Mk 1:18.20; 2:13 u t-testi paralleli.